MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 75/1995/2

**Angelo Parnis**

**v.**

**Joacchino sive Jack Galea u Victorine mart l-istess Jack Galea ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-22 ta’ Novembru 2002 fir-rigward ta’ habta bejn zewg vetturi li sehhet fil-15 ta’ Marzu 1995. Fil-fatt minn din is-sentenza appellaw kemm l-attur – l-appell principali – kif ukoll il-konvenuti – l-appell incidentali.

2. Fic-citazzjoni tieghu l-attur fisser li fil-gurnata in kwistjoni ohtu, li kienet qed issuq il-vettura tieghu Toyota A-6126, kienet involuta f’habta mal-vettura Daihatsu V-1787 misjuqa mill-konvenut. Il-habta sehhet fi Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Ghawdex kantuniera ma’ Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Skond l-attur, responsabbli unikament ghal din il-habta kien il-konvenut minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Ghalhekk huwa talab li l-Qorti ta’ Ghawdex tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident, tillikwida d-danni u tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati.

3. Il-konvenuti issollevaw diversi eccezzjonijiet, fosthom l-inkompetenza ta’ dik il-Qorti *ratione valoris*, kif ukoll li responsabbli ghall-habta kienet Carmela Parnis – oht l-attur, u li kienet qed issuq il-vettura.

4. B’sentenza preliminari moghtija fit-3 ta’ April 1997 dik il-Qorti rrespingiet l-eccezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris*, spejjez ghall-konvenut, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Minn din is-sentenza ma sar ebda appell dak iz-zmien u anqas qed isir appell issa.

5. Kif inghad, fit-22 ta’ Novembru 2002 l-ewwel Qorti iddecidiet il-vertenza bejn il-partijiet billi filwaqt li laqghet it-talba ta’ l-attur dwar ir-responsabbilita` tal-konvenut ghad-danni kagunati fil-vettura A-6126, cahdet it-talbiet l-ohra dwar il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna ghall-hlas taghhom billi, fi kliem l-istess sentenza “ma kienitx f’posizzjoni tasal ghal-likwidazzjoni tad-danni realment ikkagunati”; kwantu ghall-ispejjez – hlief dawk gia` decizi fis-sentenza preliminari aktar ‘l fuq imsemmija – il-Qorti ordnat li dawn jigu sopportati ugwalment bejn il-

kontendenti. L-ewwel Qorti waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi din il-kawza tittratta incident stradali li sehh fl-inkrocju ta' Triq il-Kappillan Hili ma' Triq Sir Arturo Mercieca, Victoria, Ghawdex, bejn zewg vetturi, wahda misjuqa minn oht l-attur, u l-ohra mill-konvenut. Oht l-attur kienet gejja mill-parti l-ohra ta' l-istess triq imsejha Triq Santa Domenica fid-direzzjoni ta' Triq il-Vajringa, filwaqt illi l-konvenut kien ghadu kemm kiser lejn il-lemin tieghu biex jidhol fi Triq Sir Arturo Mercieca fl-istess direzzjoni (ara skizz relattiv a fol. 7 tal-process).

"Mid-deposizzjoni tas-surgent John Saliba li nvestiga l-incident ftit wara li sehh, jirrizulta illi *a tempo vergine*, l-konvenut qallu *"li kien sejjer mid-direzzjoni ta' Sannat ghal Triq il-Vajringa, b'velocita` baxxa jigifieri kien gej minn quddiem il-Knisja ta' Pompei, kiser ghal Parish Priest Hili (Street), imbaghad kiser ghal-lemin ghal fejn l-iskola, fi Triq Arturo Mercieca. Meta wasal fil-kantuniera, hares u peress li ma kien gej hadd, baqa' sejjer. F'daqqa wahda giet il-karozza l-ohra minn Triq Santa Domenica u habtet mal-karozza tieghu".*

"Parnis, oht l-attur, li kienet qed issuq il-karozza l-ohra, qalet li *"kienet sejra mill-Munxar lejn Triq il-Vajringa b'velocita` baxxa. F'daqqa wahda, il-karozza l-ohra baqghet hierga mid-direzzjoni ta' Triq Parish Priest Hili minghajr ma waqfet fil-kantuniera u habtet mal-karozza taghha … skond ma tindika d-daqqa fuq il-bieba"*. (ara xhieda a fol. 33-34 tal-process).

"Fix-xhieda taghhom iz-zewg sewwieqa baqghu izommu sostanzjalment mal-verzjoni li kienu taw lis-surgent fuq il-post. Apparti li tefghu il-htija ghal dan l-incident fuq xulxin, is-sewwieqa l-iktar li ma qablux kien fuq it-tip ta' hsara ikkagunata fuq il-vettura proprjeta` ta' l-attur u dakinhar misjuqa minn ohtu. Filwaqt illi l-konvenut konsistentement isostni li din kienet biss **sbrixx**, ikkagunata billi l-karozza ta' l-attur hakket mal-bumper tax-xellug tal-karozza tieghu, oht l-attur tinsisti illi hija rceviet **daqqa** fuq il-bieb ta' wara tal-lemin tal-karozza misjuqa minnha. Irrizulta pero`

ampjament sew mid-deposizzjoni tas-surgent Saliba kif ukoll minn dik tal-*panel beater* Anthony Rotin li ra l-karozza wara l-incident, illi l-hsara fil-karozza ta' l-attur kienet f'forma ta' daqqa. Fi kwalunkwe kaz il-hsara ma kienetx xi wahda kbira.

"Minn ezami ta' l-iskizz tal-incident jidher illi z-zewg vetturi kienu gia fi Triq Sir Arturo Mercieca, imma dik tal-konvenut kienet ghadha kemm dawwret mal-kantuniera. Jidhru zewg *brake marks* qosra ta 1.8 metri taht ir-roti ta' quddiem tal-karozza tal-konvenut. Il-*point of impact*, ghal kemm ma gietx indikata, tirrizulta ghalhekk proprju fejn waqfet il-krozza tal-konvenut. Jigi nnotat ukoll illi hemm zewg *stop signs*, wahda fuq kull naha tat-triq, ghal min ikun irid johrog minn Parish Priest Hili Street, bhal ma kien il-konvenut, pero` m'hemm l-ebda *stop signs* ghal min ikun qed jipprocedi minn Triq Santa Domenica ghal Triq Sir Arturo Mercieca bhal ma kienet oht l-attur.

"Huwa ovvju ghalhekk illi dik il-parti ta' Parish Priest Hili Street minn fejn kien hiereg il-konvenut hija wahda sekondarja ghal Triq Sir Arturo Mercieca. Kien jispetta lill-konvenut illi jieqaf fuq dawn is-*signs* u jesplora tajjeb it-triq l-ohra u jara li ma jkunx gej traffiku, qabel ma johrog gewwa fiha. Imma dan, anke minn dak li stqarr il-konvenut stess mas-surgent Saliba, jidher illi m'ghamlux. Ghall-kuntrarju huwa forsi tassew naqqas mill-velocita`, imma ma waqafx ghal kollox. Minflok qabad u hareg minghajr ma lemah lill-oht l-attur riesqa lejh minn naha tax-xellug, bil-konsegwenza illi x'hin induna biha kien tard wisq li jevita l-habta u laqghatha fil-bieba ta' wara. M'hemmx dubbju ghalhekk illi ghal din il-kollizzjoni jahti unikament il-konvenut.

"Rigward il-konsistenza tad-danni fil-vettura ta' l-attur inqalghet pero` kontroversja shiha. Fil-fatt mill-bidu nett il-konvenut insista illi certament l-attur ma kellux ammont ta' danni li jissuperaw il-mitejn u hamsin lira maltija (Lm250) biex jiggustifikaw il-fatt illi huwa pproceda quddiem din il-Qorti. Mac-citazzjoni ma gew esebiti ebda provi dwar id-danni subiti mill-attur. Irrizulta biss, kif gia nghad, sew mix-xhieda tas-surgent kif ukoll minn dak tal-*panel beater*

Rotin illi dawn ma kienux ta' xi entita` sostanzjali. L-unici ricevuti esebiti mill-attur huma dawk a fol. 43, 44 tal-process, konsistenti f'ircevuta tal-V.A.T. ghas-somma ta' mitejn tmienja u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm258.75)(Dok. AP. 1) u ohra rilaxxjata mill-*panel beater* John Vella ghall-istess ammont (Dok. AP. 2).

"Irrizulta illi minkejja li din l-ahhar ircevuta giet rilaxxjata minn John Vella, ix-xoghol attwali ta' tiswija sar minn huh Joseph Vella, u r-raguni li nghata kienet illi dan ta' l-ahhar dak iz-zmien kien ghadu kemm hareg minn kors ta' riabilitazzjoni tal-Caritas u ma kienx ghad kellu V.A.T. *registration number* tieghu. Jigi notat minn din l-ircevuta ukoll illi:

(a) ghalkemm irrizulta illi l-hsara fuq il-vettura ta' l-attur kienet fuq il-lemin tal-karozza, fuq il-kont relattiv ghat-tiswija li suppost saret fuqha, gie mnizzel illi t-tiswija saret fuq in-naha tax-xellug;
(b) l-ircevuta ggib id-data tal-31 ta' Mejju 1997, u cioe` aktar minn sentejn wara li sehhet il-kollizzjoni; (ma nghata ebda spjegazzjoni ghaliex l-attur kellu jdum daqshekk biex iwettaq din it-tiswija, u ghaliex kellu proprju jistenna li tilhaq tinghata s-sentenza in parte li kienet tirrigwarda l-kompetenza ta' din il-Qorti);
(c) il-kont huwa telegrafiku wisq u xejn ma jispega kif wasal ghal dik ic-cifra indikata.

"Wiehed lanqas ma jrid jinjora x-xhieda t'a Anthony Rotin li spjega illi meta ftit wara l-incident l-attur mar talbu stima ta' l-ispejjez involuti biex tissewwa l-hsara fil-karozza tieghu, u huwa rrifjuta li jaghtih tali stima billi l-attur ma riedx isewwi ghandu, fil-fehma tieghu ma kienx hemm b'aktar minn hamsa u erbghin jew hamsin lira maltija (Lm45/50) fi spejjez.

"F'tali cirkostanzi din il-Qorti xejn ma hi konvinta illi dan il-kont tassew jirraprezenta l-hsara attwai li garrab l-attur fil-karozza tieghu konsegwenza ta' l-incident mertu ta' din il-kawza. Ma tressqet ebda prova ohra dwar il-konsistenza tad-danni u ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti

dwar dawn id-danni, l-Qorti ma tistax tasal biex tillikwida l-ammont realment dovut."

6. Hadd ma jidher li kien kuntent b'din is-sentenza. L-attur appella minhabba l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-tieni u t-tielet talba tieghu. Hu jikkontendi bazikament li prova li l-hsara saret kien hemm, u li ghalhekk l-ewwel Qorti kellha, bhala minimu, tillikwida d-danni *arbitrio boni viri*. Jikkontendi li fi kwalunkwe kaz ma kien hemm xejn inverosimili fl-ammont ta' Lm258.75 muri fuq l-ircevuta (proprjament zewg ircevuti) minnu ezibita – anzi l-attur kwazi jehodha ma' l-ewwel Qorti meta jghid li din *"…donnha li kienet kemm xejn maqtugha mir-realta` tal-hajja tal-lum meta deherilha li l-ammont ta' Lm258.75 inkluza l-hlas tal-VAT ghat-tiswijiet li saru mill-attur kienu eccessivi."* Il-konvenuti – it-tnejn li huma appellaw, u donnu kulhadd nesa li b'nota tat-3 ta' Ottubru 1995 l-attur kien ceda l-kawza fil-konfront ta' Victorine Galea ! (ara fol. 13) – appellaw peress li huma jikkontendu li unikament responsabbli ghall-habta kienet oht l-attur. Skond huma kienet din li ghamlet manuvra abbuziva u illegali ta' sorpass. Jillanjaw ukoll il-konvenuti li fi kwalunkwe kaz l-ewwel Qorti ma messha qatt ikkundannathom ihallsu xi spejjez galadarba l-ghan ewlieni tal-kawza kien li huma jigu kkundannati jhallsu d-danni u dik il-Qorti ma kkundannathom ihallsu xejn; u inoltre, dejjem skond il-konvenuti, din il-kawza saret inutilment peress kien messha fi kwalunkwe kaz saret quddiem il-Qorti ta' Ghawdex fil-kompetenza <u>Inferjuri</u> u mhux Superjuri taghha tenut kont tat-tenwita` tal-hsara sofferta mill-attur.

7. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha l-ewwel u qabel kollox tiddetermina l-kwistjoni ta' min kien responsabbli ghall-habta. Wara li ezaminat il-provi <u>kollha</u>, din il-Qorti ma ssib assolutament xejn x'ticcensura fid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Mill-konfigurazzjoni tat-toroq u in partikolari mill-fatt li kien il-konvenut li kellu l-obbligu li qabel ma jdur ghal go Triq Sir Arturo Mercieca jieqaf fuq l-i*stop sign* <u>u jassigura ruhu li ma kien gej xejn mid-direzzjoni li minnha kienet gejja oht l-attur</u>, din il-Qorti ma tistax hlief tikkonkludi li kien il-konvenut li ma zammx *a*

*proper lookout* kif kien obbligat li jaghmel. Minn fejn kellu jieqaf – cioe` fuq l-i*stop sign* – il-konvenut, huwa kellu vizwali tajba u ghal distanza konsiderevoli tul Triq Santa Duminka, minn fejn kienet gejja Carmen Parnis. Jekk il-konvenut ma rax lil din Parnis gejja – u ma jirrizultax li din kienet ghaddejja b'xi velocita` partikolari – dan kien tort tieghu, u dan in-nuqqas kien il-kawza prossima tal-habta. F'dan ir-rigward din il-Qorti ma jidhrilha li ghandha tghid xejn aktar.

8. Kwantu ghall-kwistjoni tad-danni, din il-Qorti tosserva qabel xejn li ghalkemm huwa minnu li xi danni kien hemm fil-vettura tal-attur, kien jispetta lill-istess attur li jgib il-prova, a sodisfazzjon tal-Qorti, tal-*quantum* ta' din il-hsara. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tali prova jew provi huma mankanti. Jibda biex jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet sew li injorat ghal kollox iz-zewg ircevuti – wahda minnhom fiskali – ezibiti mill-attur fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 1998 (u li jinsabu a fol. 43 u 44 tal-process). Din il-Qorti ma tezitax tikkwalifika dawn iz-zewg dokumenti jekk mhux fazulli ghal kollox, certament suspettuzi ghall-ahhar. Dawn saru aktar minn sentejn wara l-incident meritu tal-kawza. Fil-waqt li kollox jindika – anke l-iskizz tal-Pulizija – li hsara li kellha l-vettura tal-attur kienet fuq in-naha tal-lemin taghha, dawn iz-zewg dokumenti jindikaw tiswijiet li saru fuq ix-xellug tal-vettura – u li ghalhekk ma setghu qatt kienu l-hsarat li din l-istess vettura garrbet fil-habta meritu ta' din il-kawza. Id-deposizzjoni ta' John Vella (fol. 68 sa 78) – il-persuna li harget dawn iz-zewg dokumenti – hija monument ta' kuntradizzjonijiet u ta' titubar, u hija totalment inattendibbli (bizzejjed jinghad li dan baqa' jinsisti li hsarat li kellha l-vettura tal-attur kienu fuq ix-xellug); filwaqt li l-affidavit ta' Victor Vella – il-persuna li effettivament ghamel it-tiswijiet fil-vettura – prodott *in extremis* mill-attur seba' xhur wara li kien xehed John Vella bil-ghan principali li "jikkoregi" il-kwistjoni dwar fejn kienet il-hsara – jekk hux fuq il-lemin jew fuq ix-xellug – hija wkoll, fil-fehma ta' din il-Qorti inattendibbli fid-dawl ta' dak li xehed Anthony Rotin u cioe` li b'kollox l-attur ma kellux aktar minn hamsin lira hsara. Il-Qorti tinnota in partikolari li filwaqt li John Vella, Victor Vella u Anthony Rotin kollha jindikaw li ma kienx

hemm bzonn ta' *parts* godda[1], Carmen Parnis a fol. 40 tal-process tghid: *"Le, x'hakkejna ma' xulxin, faqaghli l-bieba lili, dahhalieli gewwa l-bieba…ma jistax ikun hakkejt ma' xulxin, il-bieba kellu jibdilha kollha kemm hi."*

9. Konfrontata b'din il-konfuzjoni kollha dwar l-entita` tal-hsara, l-ewwel Qorti kienet altru milli gustifikata li ma tipprocedix biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri*. Biex Qorti tillikwida d-danni b'dan il-mod irid almenu jkollha <u>xi haga oggettiva li fuqha tista' tistrieh</u> – bhal, per ezempju, xi ritratt, mehud *a tempo vergine*, li juri l-hsara li kellha l-vettura. L-ewwel Qorti ghamlet sew ukoll li ma qaghditx fuq il-valur approssimattiv moghti minn Anthony Rotin, peress li dan ukoll xehed b'hafna tlaqliq u fi kwalunkwe kaz ma giex prodott bhala xi espert *ex parte* izda bhala xhud ordinarju. Konsegwentement l-appell ta' l-attur ser jigi wkoll respint.

10. Jibqa' biex jigi ikkunsidrat l-aggravju tal-konvenuti dwar l-ispartizzjoni ta' l-ispejjez. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konvenuti li, galadarba l-ammont tal-hsara ma giex stabbilit, allura huma ma kellhom ibaghtu ebda spejjez, jew li allura dan il-fatt fih innifsu jfisser li l-kawza kienet saret fil-Qorti ta' Ghawdex Superjuri inutilment (fis-sens li kellha ssir quddiem dik il-Qorti fil-kompetenza taghha inferjuri). Il-kwantifikazzjoni tal-hsara kienet preordinata ghall-kwistjoni ta' jekk responsabbli ghall-habta kienx il-konvenut jew kienitx oht l-attur; u galadarba l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni – li din il-Qorti tikkondividi – li unikament responsabbli ghall-habta kien il-konvenut Jack Galea, hu certament ghandu jirrispondi ghall-anqas ghal nofs l-ispejjez tal-kawza.

11. Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell ta' Angelo Parnis kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenuti, u tikkonferma *in toto* is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu hekk: dawk ta' l-appell principali mill-attur

---

[1] John Vella, fid-deposizzjoni tieghu tat-18 ta' Frar 1999, meta gie specifikatament mistoqsi mill-Avukat Dott. Alfred Grech *"Jigifieri 'parts' ma bdiltu xejn?"* wiegeb *"Le, xejn."* (fol. 73). Ara wkoll a fol 71 fejn dan ix-xhud ighid: *"U 'parts' ma kellu xejn ghax l-affarijiet li kellu rrangajnihom kollha."*

appellant, dawk tal-appell incidentali mill-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------